L-Erbatax-il Sena | Sett.-Diċem. 1944 | Għadd 163-166

# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA').

Athenaeum Melitense

**L-ILSIEN MALTI HU R-RUĦ TA' MALTA**
**MIN IKASBAR IL-MALTI JKASBAR LIL MALTA.**

## X'FIH DAN IL-GĦADD

| | |
|---|---|
| *Editorjal* | Prof. Ġ. Aquilina, LL.D. |
| Il-Lejl tal-Milied | Prof. P. P. Saydon |
| Żwieġ il-Mewt | Alb. M. Cassola |
| Bħal Raġel Iblah | Ant. Calleja, B.A. |
| *Qlub!* | Dun Frans Camilleri |
| *Ħolm!* | W. Gulia |
| Tfal tax-Xogħol | Ġ. Galea, M.D., D.P.H. |
| *Nudiżmu!* | Dun Karm |
| Folklore ta' Malta u Għawdex | Ġ. Cassar Pullicino |
| Reċensjoni | M. Mizzi |

Ngħarrfu li, billi f'dan il-għadd m'għandniex wisa' aktar, il-**WERREJ** ta' din is-sena jidher f'ħarġa oħra.

## IL-KWADRU TA' MONS. K. PSAILA

Kontribuzzjoni għall-kwadru ta' Mons. Psaila magħmul mill-pittur Chev. Caruana Dingli fuq ordni tal-Kumitat tal-Għaqda tal-Malti (Università).

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Il-Ġbir ta' qabel* | £20 | 7 | 6 |
| Ransley Ġ. Supt. | | 10 | 0 |
| Rapa Patri Piju, O.P., S.Th.L. | | 10 | 0 |
| Apap Victor | | 5 | 0 |
| Chetcuti Ġużè | | 5 | 0 |
| Tabone Patri Pawl, O.F.M., Lect. Glis. | | 2 | 6 |
| *Il-Ġbir sa issa* | 22 | 0 | 0 |

# LEHEN IL-MALTI

MAHRUĠ mill-"GHAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA').

SETT.-DIĊ. 1944 L-ERBATAX-IL SENA Għadd 163-166

# *EDITORJAL*

*IL-PALK MALTI*

*F'din il-harġa qegħdin inġibu f'darba kummiedja tas-Sur Albert Cassola, li mhix nieqsa minn dawk il-meriti letterarji li bihom tista' tingħażel minn xogħlijiet oħra, li għalkemm huma ta' l-istess xeħta huma miktuba mingħajr il-ħsieb tas-sengħa. Għad li ma' l-ewwel daqqa ta' għajn il-kitba ta' Cassola donnha bħal farsi oħrajn magħmula biex idaħħqu biss, min jaħseb 'il ġewwa jsib ukoll il-ħsieb serju għax fl-Għarus li jiżżewweġ il-Mewt wieħed jista' jara t-tixbiha ta' ħafna żgħażagħ li mid-dwal taż-żgħożija f'daqqa waħda jsibu ruħhom maqtugħa mill-ġmiel tal-ħajja mgħajba mill-ħafna dwejjaq u nuqqas ta' ħaqq u dan bħal jagħti lill-Mewt ġmiel aktar milli hemm tassew fil-ħajja.*

*L-AHHAR HARĠA TAS-SENA*

*Din il-harġa tagħlaq is-sena 1944 ta' "Leħen il-Malti". Il-qarrejja li jridu jibqgħu sejrin fix-xogħol tagħna għandhom jergħu jġeddu t-tisħib għal sena oħra jekk kemm-il-darba ġa hadu l-erba' harġiet tal-"Leħen", li billi kull wieħed fih 32 paġna, flimkien jagħmlu madwar 128 faċċata tassew bl-irħis għal 2/6 meta wieħed iqis l-għoli tal-karta u tax-xogħol.*

*Fl-ewwel harġa li toħroġ jiena sa nibda l-"Leħen" b'kitba li titħaddet fuq suġġett wieħed u li jkun jolqot il-ħajja tagħna morali u nazzjonali. Dak li ġagħalni nibdel it-tattika hu l-ħsieb li Malta, illum donnha għar tal-ħallelin, sejra lura bil-ħodon u għalhekk jeħtieġ jinfetaħ attakk qawwi kontra s-setgħat diehra u moħbija li qed iressquha lejn ix-xifer tal-mewt reliġjuża-nazzjonali. Imma ħa nitlagħqu darb'oħra biex nifissru ruħna aħjar.*

*L-ISQOF TA' GHAWDEX*

*Nifirħu lill-Monsinjur G. Pace, D.D., Ph.D., J.C.D., tal-ġieħ li messu bil-għażla tiegħu bħala Isqof tal-Gżira oħt Malta. Billi Monsinjur Pace jaf id-Djoċesi ta' Għawdex mill-qalba sal-ibgħad irkejjen tagħha, u billi għadda għomru jgħallem is-Seminarju li hu kien ir-Rettur tiegħu u hu raġel ta' manjeri tajba u puliti, l-għażla ta' Isqof Għawdxi għall-Għawdxin ma setgħetx tkun aħjar. Monsinjur Pace ser ikun l-ewwel Isqof suffraganew tad-Djoċesi ta' Malta wara li din kienet ilha dipendenti minnufih minn Ruma. "Ad multos annos!"*

# *IL-LEJL TAL-MILIED*

## BUZZETT GHAT-TFAL

RAGHAJ 1. *Xi ġmiel ta' lejl! X'dija! Xi ħlewwa ta' ajru!*
*Għalkemm ix-xitwa, żmien il-bard u ksieħ.*
*Qisna fi dħul is-sajf meta titbiegħed*
*Il-kesħa u tibda tinħass is-sħana*
*Is-sema bla sħaba, mimli bil-kwiekeb,*
*Jiddu u jpetptu donnhom qegħdin jiżfnu;*
*L-ajru bla żiffa li tħaxwex ġos-siġar,*
*Jew li ġġib magħha dik is-sirda rqiqa*
*Li tinfdek bħal sejf u tidħol sal-għadam.*
*L-anqas il-għajat ta' annimali ħorox,*
*li bosta drabi għall-imrieħel jaħbtu,*
*ma jinstema' jidwi u jikser il-ħemda*
*tal-lejl li bħalu ftit għandna mas-sena.*

RAGHAJ 2. *Sabiħ dal-lejl u mal-ġmiel li tara l-għajn*
*tħoss il-qalb hena, bħal hena tas-sema,*
*Ngħid għalija, inħoss ġo fija xi ħaġa,*
*ma nafx x'inhi, imma timlieni bil-ħlewwa*
*li bħalha, sa fejn naf, qatt ma ħassejt.*
*Għalkemm il-lejl kiser u la nħoss għeja*
*u l-anqas għandi ngħas, imma hawn insammar*
*minn id-moħbija nħossni, minn xi qawwa*
*li ssaħħarni u ma tħallinix nitħarrek.*

RAGHAJ 3. *Mhux biex intenni kliemkom ngħid jien bħalkom*
*li hena kbir jimlieli qalbi l-lejla.*
*Tassew li biex nifirħu għandna ħafna.*
*Joktru kull jum l-imrieħel kollha tagħna,*
*m'għadhomx bħal dari l-annimali ħorox*
*l-isbaħ ħrief jaħtfu u l-aħjar tan-ngħaġ.*
*L-art kollha tħaddar b'mergħa tajba u bnina,*
*u t-temp għadu sabiħ donnha mhix xitwa.*
*Imma mhux dan biss iferraħni l-lejla;*
*hemm xi ħaġa oħra moħbija minn għajnejja,*
*li tħossha r-ruħ bla ma taf mnejn hi ġejja,*
*xi ħaġa li tisboq kull ferħ tad-dinja,*
*xi ħaġa li s-sema waħdu jagħtiha.*

RAGHAJ 4. *Ħabbrulna snin ilu l-profeti tagħna*
*tibdila kbira għalina u għal artna.*
*Joktor il-poplu bħall-kwiekeb tas-sema*
*bħar-ramel tal-baħar li ħadd ma jgħoddu.*
*Jagħti l-Mulej ħanin ix-xitwa f'waqtha,*
*u jħaddan ir-raba' u l-inxief tax-xagħri*
*u b'kull ġid u barka tfawwar l-art kollha.*
*Is-saltna ta' David terġa' kif kienet*
*u akbar minn qabel għax jeħles mill-għadu '*

*u taħkem rebbieħa fuq ġnus qawwija.*
*X'hena, x'ferħ u xi sliem ta' żmien imbierek,*
*nistħajjilni minn issa qed ngħix fih!*

RAGHAJ 1. *Iwa, poplu bla għadd u saltna kbira*
*ħabbru l-profeti mijiet ta' snin ilu.*
*Min jaf wasalx dan iż-żmien mixtieq minna?*
*Min jaf hux dan il-ferħ li nħossu f'qalbna*
*bla ma nafu xinhu jew mnejn hu ġej?*
*Betlem, il-belt ta' David, bħal ma tafu*
*bħal issa tinsab maħnuqa bin-nies*
*ġejjin jinkitbu kif irid is-sultan:*
*Kotra ta' nies bħal kwiekeb u bħar-ramel*
*kif jixraq biss lil sultan kbir bħal David.*

RAGHAJ 2. *Kotra ta' nies li l-belt ma tesagħhomx!*
*Kien għadu ħajta dawl u ħajta dlam*
*il-lejla xħin kont ġej minn dik n-naħa*
*li mill-belt tieħu għal din il-kampanja.*
*Fil-mogħdija tnejn min-nies nilmaħ miexja*
*qajl, qajl 'il barra lejn dar-raba' sieket.*
*Haddiem tas-sengħa kien jidher ir-raġel,*
*u l-oħra martu, żagħżugħa sabiħa*
*li bħalha żgur qatt ma dehret f'artna.*
*Min kienu ma nafx, l-anqas fejn sejrin*
*aktarx li kienu nies li ġew jinkitbu*
*u ma sabux post fejn jorqdu dal-lejl.*
*Min jaf, ngħid jien ukoll, hux dan iż-żmien*
*li ħabbru l-profeti, żmien ta' ġid u kobor,*
*żmien ta' hena, ta' ferħ, ta' risq, ta' sliem?*
(Dija kbira, ir-ragħajja jibżgħu)

RAGHAJ 3. *X'ikun dad-dawl?*

RAGHAJ 4. *Din mhix dija tal-kwiekeb!*

RAGHAJ 1. *Waqqas mhi dija tal-qamar għax niżel*
*aktar minn sagħtejn ilu. Donnha x-xemx*
*ħarġet bil-lejl biex tħabbar lill-bnedmin*
*xi ħaġa kbira li ġejja fid-dinja.*
(Jidher anġlu ħdejhom)

ANGLU. *La teħdux qatgħa, la tibżgħux, ja ragħajja,*
*aħbar tajba għandi għalikom u għad-dinja:*
*twieled fil-belt ta' David il-Messija,*
*il-mixtieq minnkom u mill-poplu kollu,*
*il-ħellies tagħkom u tad-dinja kollha.*
*Morru! iddumux! u issibuh tarbija*
*f'għar, imfisqi u mqiegħed ġo maxtura.*

(Kant ta' "Gloria in excelsis).

P.P. SAYDON.

# ZWIEG IL-MEWT

*Kummiedja f'Att Wiehed ta' ALBERT M. CASSOLA*

**PERSUNAĠĠI**

**Il-Għarus.**
**Ġanni,** mastrudaxxa.
**Ċetta,** mara tax-xogħol xwejħa.
**Nena,** mara tax-xogħol imdaqqsa.
**Żeżina,** mara tax-xogħol żagħżugħa u ħelwa.
**Bekkamorti, Reffiegħa,** eċċ.

*Kamra kbira tas-sodda, mudlama. Is-sodda ta' l-injam, qiegħda fin-nofs; għadha mhix magħmula u kollha mħarbta. Jidher senduq fil-ġenb. ĠANNI jsammar tebut twil. ĊETTA, NENA u ŻEŻINA jarmaw il-kamra: min idendel purtieri suwed, min jiffrex is-sodda, min iwaħħal ix-xemgħa fil-kandlieri u l-kandelabri.*

*Kif jiftaħ is-siparju jinstemgħu l-ħsejjes tat-tismir tal-mastrudaxxa li kulltant isaffar xi ħaġa. Jinstemgħu wkoll għasafar igħannu fuq is-siġar ta' ġnien qarib kollu ċipressi u qisu midfen. Il-bqija skiet.*

**Ċetta:**

*(Lill-mastrudaxxa li jkun beda jsaffar "Ċetta tad-Dudu")* Biżżejjed bit-tisfir. Hadtli moħħi. *(ĠANNI jżid fit-tisfir b'inkejja, iżomm it-temp bil-martell, iħabbat fuq it-tebut bħal fuq tanbur u ma jitkellem xejn)* Biżżejjed qed ingħidlek, ja biċċa ta' werżieq! *(ĠANNI jibqa' jsaffar u NENA tibda tgħanni taħt ilsien mat-tisfir tiegħu)* Inti wkoll, ħelwa oħra?

**Nena:**

Int min qed ikellmek? Ma tistax tkanta bik!

**Ċetta:**

Skond xi tkanta. Billi tkantali "Ċetta tad-Dudu" ma nħix sa nieħu għalija, taf. Neħħiha minn rasek.

**Nena:**

Mela jiena biex ninki lilek? Mela għax jismek Ċetta ma nistax inkanta "Ċetta tad-Dudu"? Allura ħadd ma jista' jkanta xejn għax dejjem hemm isem xi tfajla fin-nofs: Ċetta, Maddalena, Filumen, Katarin... Dejjem tidħol xi tfajla.

**Ġanni:**

Fiha tfajla Ċetta! Għalaqthom it-tmintax, Ċett?

**Ċetta:**

Ajma jommi min irid jitkellem. Gustuż bħalek!

**Ġanni:**

Jien sibt min iridni. Int bqajt għażba.

**Ċetta:**

Bqajt għażba għax ridt jien. Kelli min iridni biż-żejjed. Kieku ridt nżżewweġ stajt. Kelli suldat tal-Malizzja xejn ma kien jiġri warajja! U tgħidx kemm baħrin riedu jkellmu 'l ommi meta kont naħdem id-Diju Balli!

**Ġanni:**

Ħadd minnhom ma għoġbok! Ħadd ma kien igħid għalik!

**Ċetta:**

Mhix affari tiegħek! Jien qatt ma kelli ħajra għaż-żwieġ.

**Żeżina:**

Mhux bħali, Ċett: x'xewqa għandi li nżżewweġ. Imqar kont insib xi ħadd li jridni, jaħasra! Nżżewweġ illum qabel għada!

**Ġanni:**

U int għadek żgħira! Int issib mija li jkunu jriduk! Dik morna.

**Ċetta:**

Mort int, ja mberraq!

**Ġanni:**

Ma kellhiex ħajra għaż-żwieġ, ħej!

**Nena:**

Isma', mhux kulħadd xorta fid-dinja. Hawn min jixtieq jiżżewweġ u hawn ukoll min ma jfittex.

**Ġanni:**

Mhux mara! In-nisa, jekk ma jkollhomx ir-rieda li jintgħalqu f'kunvent, kollha ż-żwieġ ifittxu.

**Nena:**

Il-biċċa l-kbira iva, naqbel miegħek; imma mbagħad issib min ma jkollux ħajra wkoll.

**Ġanni:**

(Tgħidli xejn.)

**Żeżina:**

Jien għandi ħajra minn daqshekk. Nixtieq ninġabar illum qabel għada u jkolli daqsxejn ta' dwejra ċkejkna tiegħi.

**Ġanni:**

Tibża' xejn int, għedtlek. Jasal tiegħek dalwaqt. U jkollok id-dwejra u r-raġel tiegħek u daqsxejn ta' tarbija b'għajnejha kbar u sbieħ bħal tiegħek......

**Żeżina:**

Għandi mitt sena sa ma jasal dak il-jum! Kemm nixtieq ikolli tifel tiegħi, żgħir. żgħir......

**Ġanni:**

Jasal, Żeżin. Stedinna għat-tieġ, Żeż! Jien niġi. Araha għaddejja bil-mant abjad u bil-bukkett tal-ward, eh!

**Żeżina:**

Le, jien bil-kappell niżżewweġ, u ma nagħmilx festi.

**Nena:**

Daqsxejn ta' festa tridha. Xi ftit ġelati u xi ftit xorb; xi tgħid, Ġann?

**Ġanni:**

Jien marti bil-għonnella ġiet il-knisja. Wara, niftakar, bqajna sejrin id-dar fejn xrobna xi grokk u ċċajtajna tnejn ma' nies il-mara u niesi, u barra bid-daqq. Tieġ ħafif ħafif. Iżda tieġ bħall-oħrajn. U Alla jbierek disa' xhur sewwa wara dak in-nhar li tejjiġna waslet il-banda: kellna tewmin. Sal-lum, niżżi ħajr 'l Alla l-Imbierek, għandna mnejn ngħaqqdu żewġ timijiet tal-fitbol birrefelin u l-lajsmen! Mhux il-festa tat-tieġ li tgħodd iżda l-ħajja taż-żwieġ. Jien il-festi u t-tiġijiet ma naħmilhomx.

**Nena:**

Gosti fid-dinja. Għax ma tħobbx il-festi u t-tiġijiet int, ma jfissirx li ħadd m'għandu jtejjeġ bi ftit tal-festi. Gosti.

**Ġanni:**

Huwa sa daqshekk sewwa qed tgħid li gosti. Issa ħu dan li qegħdin inlestu għalih: dana ssejjaħlu tieġ? Dan ingħidlu funeral. Purtieri suwed, xemgħat u gandlieri, dlam u fuq kollox tebut! Dan tieġ? Dan funeral! Min hu l-għarus? Għax jien ġibuni hawn nagħmel dat-tebut bla qaluli għalfejn u għal min. Tawni d-daqs bejn wieħed u ieħor, qaluli li sa nitħallas tajjeb u l-bqija ma naf xejn. Jien la jħallsuni tajjeb ma jimpurtanix. Iżda bilfors li din xi ċajta. Inkella l-għarus miġnun!

**Nena:**

Ma jidhirx miġnun.

**Żeżina:**

Inti tafu?

**Nena:**

Rajtu jien. Żagħżugħ ta' għoxrin sena. Fl-aħjar tiegħu. Serju m'hawnx bħalu. U ġuvni sbejjaħ tassew.

**Ċetta:**

Il-għarusa min hi?

**Nena :**

Ma nafhiex. Imma miġnun warajha hu. Iħobbha sħiħ.

**Żeżina :**

X'jisimha?

**Nena :**

Ċensa, qaluli.

**Ċetta :**

Hejwa xejn?

**Nena :**

Hadd ma raha ħliefu! Qatt ma tkun miegħu.

**Żeżina :**

Imma mela bis-serjetà l-affari?

**Nena :**

X'affari—taż-żwieġ? Mela biċ-ċajt? Qed ingħidlek li jħobbha daqs il-mimmi ta' għajnejh. Hsiebu fiha biss.

**Ġanni :**

Tgħidli xejn, bil-fors miġnun. Il-għarusa taf xinhu jlestilha? Dal-funeral?

**Nena :**

Hi hekk riedet ukoll. Xejn xuiexel u ċoffi.

**Ġanni :**

Le, għaldaqshekk jiena kelli! Il-għarusa tiegħi ġiet il-knisja bil-għonnella, iva, iżda għonnella tal-ħarir. U l-karrozza bil-parilja, mhux ċajt; imżejna u mżewqa bil-faxex u ċ-ċoffi bojod u bid-dwal ma' rjus iż-żwiemel.

**Nena :**

Dana m'hemmx parilji u dwal għalih. Taf li għandu l-karrozza tal-mejtin ordnata?

**Ġanni :**

Mela miġnun għal kollox, miskin. Kemm-il darba mhix xi ċajta, dejjem.

**Nena :**

X'ċajta, ċajta! Qed ingħidlek mitluf bl-imħabba. Gosti. Għoġobha tagħmel tieġ xeħta ta' funeral. La darba qablet miegħu l-għarusa......

**Ġanni :**

X'għedt li jisimha hi?

**Nena :**

Ċensa.

**Żeżina :**

Xi żmien għandha? Għadha żgħira?

**Nena:**

Hadd ma jaf xejn, qed ingħidlek.

**Ċetta:**

Imma ħadd ma raha miegħu?

**Nena:**

Ma tkun miegħu qatt. Hu dejjem waħdu; dejjem jaħseb fuqha u la jħares u la jkellem 'il ħadd. Ma jrid jaf b'xejn iżjed.

**Ġanni:**

Fejn iltaqa' magħha dil-bniedma?

**Nena:**

Bniedma. Min jaf xi bniedma hi. X'għamla ta' bniedma. Igħidu li daħlet hawn ġew dak in-nhar li mititlu ommu u ħabbha mill-ewwel..

**Ċetta:**

Imma biex igħidu hekk xi ħadd jaf xi ħaġa.

**Nena:**

Li jafu, għax semgħuh minn għandu meta ken marid u kien jokrob bid-deni. Kif kont qed ingħid, insomma, ħa grazzja magħha mad-daqqa t'għajn u ħabbha mill-ewwel. Ġera warajha la ssemmix, iżda hi ma riditux; dejjem ħarbitu. U għamel minn kollox għaliha. Siefer, dar id-dinja kollha; dejjem ifittixha. Sa tar elf darba bl-ajruplan. Ġie li lemaħha, telaq għal warajha, iżda kif jaħseb li sabha jarġa' jitlifha. Malli jilħaqha u jkun sa jaħtafha, taħrablu minn idu. Min jaf kemm issogra u kien sa jħalli ħajtu minħabba fiha!

**Ġanni:**

Indum ma nitlef ħajti mħabba mara!

**Nena:**

Jgħid li meta kien sa jħalli ħajtu biss kienet ma tiskartahx...

**Żeżina:**

Kurjuża!

**Ċetta:**

Xi bċejjeċ!

**Ġanni:**

Tajba din!

**Nena:**

Ara meta marad: darba m'ilux marad ħafna u kien għaddej għall-agħar. La ried jara tobba u la jaf b'ħaġa u lanqas b'oħra. Riedhom iħalluh imut. Kien dejjem ihewden li l-għarusa tiegħu Ċensa ġejja għalih. Li hu qed jistennieha bħa sabar u fuq ixxwiek. Li jrid imur magħha, igħix magħha 'l bogħod fejn ħadd

ma jkun ’afhom, ħadd ma jagħrafhom. Il-ħajja vera, kien igħid, hija l-ħajja li jista’ jgħix biss ma’ Ċensa tiegħu.

**Ġanni:**

Allura ’l dix-xbejba darba biss kien raha?

**Nena:**

Sewwa ma nafx. Biss ħliefu u ommu, li mietet dak in-nhar stess li ratha, ħadd iżjed ma raha li naf jien. Hu, iżda, igħid li ħafna jafuha. Imma ħadd ma għandu grazzja magħha. Ma jifhmuhiex. Imaqdruha bla ma jafuha. Forsi isimha ma jogħqothomx.

**Ċetta:**

Ċensa mhux isem ikrah.

**Ġanni:**

Dejjem aħjar minn Ċetta.

**Żeżina:**

Targax tibda tinbixha, Ġann.

**Ċetta:**

Ma niħux għalih. Ħallih igħid.

**Ġanni:**

Allura t-tieġ kif irranġah?

**Nena:**

Ma nafx ingħidlek sewwa. Meta kien marid semgħuh igħid li ommu tidhirlu bil-lejl u tnebbhu x’għandu jagħmel jekk irid jiżżewweġ lil din Ċensa. U għarrfitu wkoll li dix-xbejba mhix kif ipinġuha, kerha u bla qalb; iżda sabiħa u ħanina u m’hawnx oħra bħalha fid-dinja. Hi, tgħidlu, saret tafha tajjeb u għamlu ħbieb. Mindu bdiet tagħmilha magħha, tħossha serħana u ferħana.

**Ġanni:**

L-omm ma mititx? Jekk dix-xbejba daħlet hawnhekk għall-ewwel darba dak in-nhar li l-omm mietet u l-omm saret tafha dak in-nhar, kif tista’ tgħid dan kollu fuqha?

**Nena:**

Issa ma nafx. Qiegħed tħawwadni. Dana, għedtlek, kollu tħewdin ta’ meta kien marid.

**Ġanni:**

Bil-fors li tħewdin.

**Ċetta:**

Ħolm, ħolm.

**Żeżina:**

Ħaġa kurjuża, x’namra!

**Nena:**

Jien ma nafx x’inhu l-ħsieb tiegħu li jtejjeġ hekk. Kollox

iswed qisu hawn xi mejjet u bil-karrozza tal-mejtin tistennih wara biebu.

**Ġanni:**

Insomma t-tebut lest. Xogħli għamiltu.

**Ċetta:**

Nistgħu nqegħduh quddiem is-sodda u ndawruh bil-fjuri u l-gandlieri.

**Nena:**

Iva, ressquh 'l hawn.

*(Jibdew j'rranġaw. ĠANNI jgħinhom, joħroġ il-maktur ta-parsi qed jibki u jibda jkanta b'leħen oħxon: "Kemm għandu qalbu tajba." In-nisa jidħku; imbagħad jaqbdu lkoll id f'id u jibdew jagħmlu dawra durella mat-tebut flimkien. Fil-waqt li jkunu jiżfnu u jidħku jidħol IL-GHARUS. Żagħżugħ twil, irqiq, għajnejh suwed fatma u kbar, ħarsa fissa, xagħru tuta, ileqq. Liebes kollox iswed, jimxi dritt u bil-qajla, kemm kemm jiċċaqlaq. — Jitmaħ iż-żfin u jisma' l-kant. — L-oħrajn ma jindunawx mill-ewwel. Kif jindunaw jieqfu f'daqqa mbeżżgħin.)*

**Il-Għarus:**

Istħu. Il-jum tat-tieġ u intom tiżfnu u tkantaw. Imġienen! Nies bla qalb. Nies bla satra. Istħu.

**Nena:**

*(Bir-roghda u l-aqlaq)* Aħna ferħanin għax narawk ferħan! Il-jum tat-tieġ hu jum ta' ferħ.

**Il-Għarus:**

Il-jum tat-tieġ hu jum ta' SERĦ. Xinhija l-hena jekk mhux is-serħan tal-moħħ, tal-ġisem u tar-ruħ? Iż-żfin u l-kant ma fihx hena tabilħaqq. Iż-żfin iġib il-għajja tal-ġisem, il-kant il-ħanqa tal-griżmejn. Il-hena vera hija biss dik li tibqa' dejjem kif inhi bla qatt titbiddel. Il-hena li m'għandhiex tmiem. Il-hena ta' dejjem. Mhux dik li kif tintemm, mill-ġdid tinħass il-għajja, in-niket u d-dwejjaq. Jien biss ferħan. Jien biss għaraft insib il-għarusa li ma tqarraq qatt.

**Żeżina:**

Nifraħlek minn qiegħ qalbi.

**Il-Għarus:**

Għadek żagħżugħa int. Jien m'inix ixjeħ minnek. Tfajla sabiħa int u tfajla sewwa, kif wiċċek jixhed. Iżda hawn bħalek daqs kemm fl-ajru hemm kwiekeb. Għmielek għad jinxef bħalma jinxfu l-fjuri u ma tagħmilx għajb lill-ward li bħalhom ma tonqsokx xi xewka. *(ŻEŻINA titbikkem u jaqbżilha d-dmugħ.)* Xejn

ma jiswielek illi tibki, jekk biss mhux biex il-harsa helwa thassar aktar malajr milli tithassar warda.

**Ċetta:**

Ma nistax nifhmu.

**Il-Għarus:**

Moħħok baxx wisq u ħsiebek dgħajjef, mara, biex tista' tifhem dak li ħadd ma fehem. Jien biss intbaht xi tkun il-paċi u l-hena. La tħabbel rasek xejn. biex tifhem ma tasalx.

**Ġanni:**

Miġnun għal kollox!

**Il-Għarus:**

Min qallek le? Tisthix u taħbix wiċċek: għedt is-sewwa. Għall-anqas int għaraft kif tassew jien. Miġnun bil-ġenn ta' mħabba mhix magħrufa li kulħadd xtaqha u ma sabha mkien. Jiena miġnun u għandi għalfejn.

**Nena:**

Kif qed titkellem?...

**Il-Għarus:**

Bħal għarus li qatt ma kien hawn bħalu. Għarus il-kwiet u l-hena li ma tafx b'tfixkil u qerq. In-nies tad-dinja moħħom frugħa. Igħaddu żgħożithom jiġru wara l-ħolm. Biss kif jixjieħu jintebhu li ħajjithom ħlewha fil-frugħa li ddieħket bihom u qarrqithom sħiħ. Ikun imbagħad li jibdew ifittxu bl-akbar ħrara ħajja aħjar xi mkien barra mid-dinja. Dak li ħaddieħor jarah biss f'tarf għomru, jien rajtu kmieni kif xrift l-għatba taż-żgħożija u fl-eqqel minn ta' ħajti. Irrid inżomm il-waqt li għaddej minnu ta' Rebbiegħa mdawla u nibqa' fih! Għarusa waħdanija għaraft insib. Illum ningħaqad magħha u nagħti ħajti għaliha. Nintrabat darba għal dejjem mal-maħbuba tiegħi. Illum il-jum tat-tieġ.

**Ċetta:**

Tassew li l-għarusa tiegħek jisimha Ċensa?

**Il-Għarus:**

Tissejjaħ hekk. Fejn taf? Min qallek?

**Ċetta:**

Smajt il-għajdut tan-nies.

**Il-Għarus:**

In-nies titkixxef, u ftit jiswa l-ħabi. Iżda ħadd minnkom ma jkollu x-xorti jpaxxi l-għajnejn tiegħu bid-dehra ta' l-għarusa tiegħi. Sa tiġi llum hawn ġew, dal-waqt, ġo din id-dwejra tiegħi;

imbagħad minn hawn flimkien nitilqu jien u hi. Sa mmorru 'l bogħod fejn ma jilħaqna ħadd.

**Żeżina :**

Għandkom dar sabiħa fejn sejrin? Għamara ġdida?...

**Il-Għarus :**

Fiergħa li int! Marbuta qalbek mal-ħwejjeġ ta' did-dinja, ma ssib qatt il-hena.

**Nena :**

Xtaqna b'tifkira nagħmlulek rigal ċkejken; jien, Ċetta, Żeżina u Ġanni.

**Il-Għarus :**

Min huma dawn?

**Ċetta :**

Qabbduna nagħmlulek il-kamra u ħassejna ġibda lejk bla ma nafuk.

**Il-Għarus :**

Niżżikom ħajr. L-amar li tajtkom li tarmawli l-kamra kif ridtkom jien ilqajtuh tajjeb kif b'għajnejja nara. Dana r-rigal li stajtu b'ss tagħmluli. Rajt qalbkom tajjeb. Niżżikom ħajr. Il-bqija sa nkun jien li nqassam ġidi lilkom l-erbgħa b'tifkira ta' daż-żwieġ. Hemmhekk f'dak is-senduq jinsabu flejjes, dehbijiet u fided u ħaġar u ħwejjeġ oħra li jiswew u li lili ħalliethomli ommi meta għalqet għajnejha għall-aħħar darba. Huduhom intom, aqsmu bejnietkom. *(Kollha, barra l-GĦARUS, jersqu qrib is-senduq imħajrin imissuh u jaraw ta' ġo fih.)* Il-għamara, din li taraw, ħuduha wkoll. U d-dwejra tiegħi għixu fiha intom. *(Kollha jifirħu iżda ma jkunux iridu juruh; Ċetta tħabbat idejha bil-ferħ u Ġanni malajr isikkitha minn taħt.)*

**Ċetta :**

Kemm għandu qalbu tajba!

**Żeżina :**

Il-mistidnin nilqgħuhom aħna?

**Il-Għarus :**

M'hemmx mistidnin. Xi ħadd sar jaf bit-tieġ u bagħat rigali. Jekk tridu tpaxxu l-għajnejn tagħkom bihom, qegħdin hemm barra fuq il-karru. Erbgħa sew sew : kuruni sbieħ tal-fjuri. *(Ċetta u Żeżina jbexxqu tieqa u jittawlulhom.)*

**Ġanni :**

Jgħadduh biż-żmien. Biex jidħku bih.

**Ċetta :**

Xi daqsxejn xorb jixraq li jkollna.

**Il-Għarus:**

Is-sokor mhux virtù. Jien waħdi nixrob minn dal-kalċi ta' l-azzar likur li jġigħelni ninsa l-ħajja.

**Żeżina:**

Għaliex trid tinsa l-ħajja? Sabiħa tant! Jekk sa tiżżewweġ, dan sa tagħmlu għal ħajja aħjar.

**Il-Għarus:**

U hekk ikun. Il-ħajja ġdida li sa ngħix jien hi ħajja aħjar, hi l-aħjar ħajja. Għażiltha għalhekk. Iżda mhix ħajja din li tgħix fid-dinja.

**Ġanni:**

*(Lil Nena.)* Ma nistax nifhmu; kemm iħawwad fi kliemu.

**Ċetta:**

X'ħin għandha tiġi l-għarusa?

**Il-Għarus:**

Minn waqt għal ieħor sa tkun hawn.

**Ċetta:**

Iddum?...

**Il-Għarus:**

Hawn hi! Biż-żejjed. Għab iż-żmien tal-kliem. It-tieġ qed jibda. Nixrob bis-saħħa ta' l-għarusa tiegħi! *(Jixrob.)* Lilek, Għażiża ta' Qalbi! Nilmaħha dieħla l-bieb. *(Il-bieb jinfetaħ beraħ iżda ma jidħer ħadd dieħel. IL-GĦARUS imur jilqagħha.)* Maħbuba Tiegħi!

**Ġanni:**

'Il min qed igħid? Qed taraw xi ħaġa?

**Żeżina:**

Jien ma rajt xejn.

**Nena:**

Fejn hi? X'qed jara?

**Il-Għarus:**

*(Li ikun mar jilqa' l-għarusa fil-bieb, issa jsellmilha, imbagħad jagħtiha driegħu, jimxi magħha sa nofs il-palk. Il-għarusa tibqa' dejjem ma tidhirx.)* Maħbuba Tiegħi. Hawn aħna, sa fl-aħħar, it-tnejn flimkien. Għarajjes.

**Ċetta:**

Imma... il-għarusa fejn hi?

**Il-Għarus:**

..Il-ħarsa tal-bnedmin mhix hekk qawwija biex tista' tara lill-għarusa tiegħi. Għax isbaħ minn kull ġmiel, tiegħi l-għarusa; u l-bniedem ma jwassalx biex jilmaħ ġmiel hekk għani...

**Żeżina :**

Imma hi qiegħda hawn?

**Il-Għarus :**

Hi qiegħda miegħi. Qed inħaddanha. Nixrob darb'oħra bis-saħħa tal-Maħbuba Tiegħi. *(Jerġa' jixrob, iqiegħed il-kalċi li ferra' minnu l-likur fuq mejda u wara ftit jibda donnu jixxengel.)*

**Ġanni :**

Siker.

**Żeżina :**

Telagħlu għal rasu.

**Ċetta :**

Storda !

**Nena :**

*(Tmur tara l-flixkun li ferra minnu l-likur u tibda tgħajjat.)* Velenu ! Velenu ! Velenu !

**Ċetta :**

Xorob it-tosku !

**Żeżina :**

Qatel ruħu b'idejh ! Tabib malajr.

**Nena :**

Sejħu t-tabib.

**Il-Għarus :**

Isktu ! Tiċċaqalqux mnejn intom. La tisfrattawx il-festa. Tħassrux il-hena. It-tieġ hu tiegħi u namar jien. Wasal il-waqt li nsiru ħaġa waħda jien u l-għarusa tiegħi. Jien żewġha, hi marti. Ix-xiehda ta' daż-żwieġ sa tkunu intom. Jien sa nħallikom u sa mmur mal-maħbuba tiegħi 'il bogħod minn hawn, fejn ħadd ma jafni u ma jarani ħadd. Għidu lin-nies li jien kuntent u hieni; li għaraft nikseb il-Għarusa li ma tqarraqx. Il-għadd tan-nisa huwa kbir u bla tarf u fosthom kollha jien għoġbitni din. Għiduh 'il kull min tridu : għandkom il-jedd u d-dmir, għax intom xiehda ta' dir-rabta waħdanija.

**Ġanni :**

*(Miblugħ.)* Imm'int sa tmut.

**Il-Għarus :**

Jien sa nżżewweġ. Il-Mewt tkun marti. Jien marbut magħha. Il-Mewt hi marti u jiena żewġha. U jiena biss għax jiena biss fittixtha u ġrejt warajha kif jistħoqq lil mara li għandha

min iħobbha tabilħaqq. Ma riditnix għax ma emmnitnix. Irrieda iżda għalbet għax sħiħa u bnina. Irbaħtha fl-aħħar. L-Imħabba rebħet.

**Żeżina :**

Għadek tant żgħir, għaliex trid tmut?...

**Il-Għarus :**

Xinhi ż-żogħżija li tispiċċa f'daqqa qisha qawsalla li titgħatta bi sħaba sewda u tibkiha saħansitra s-sema? U li ġġib ħasra hekk kbira li l-kwiekeb, għajnejn is-sema, jitqalu u jintgħalqu u minnhom tinxtered xita ta' dmugħ?... Ma niflaħx iżjed fuq saqajja. Ixilgħu x-xemgħat kollha, ressqu qrib it-tebut, il-fjuri, u tih qegħduni. Hekk kif għajnejja ma jarawx dawl iżjed u l-leħen ħelu tisimgħu tal-qniepen, ħabbtu idejkom : dak il-ħin imbierek u mistenni bi ħrara li ma bħalha jkun il-waqt taż-żwieġ tiegħi u — żwieġ il-Mewt. *(ĠANNI, ĊETTA u NENA jgħinuh jidħol fit-tebut bil-qajla u jinfexxu jibku. ŻEŻINA, hija wkoll sogħbiena u tibki, tixgħel ix-xemgħat u tressaq il-fjuri. Jaqa' skiet li ma bħalu u dwejjaq ta' qalb. Jinstama' biss l-ilfiq u l-krib tal-bekkejja.)*

**Il-Għarus :**

Issewdux qalbkom. Iż-żwieġ sa jsir dalwaqt. Il-ħin qorob. *(Wara ftit.)* Maħbuba Tiegħi. Ħudni miegħek. Inħobbok dejjem. Naħlifulek. Żommni miegħek. Għannaqni hekk. Nitbewsu. *(Tinstama' bewsa u d-daqq tal-qniepen li jlissnu l-mota tal-imwiet fil-bogħod.)*

**Nena :**

Halliena.

**Żeżina :**

Telaqna !

**Ċetta :**

Iżżewweġ !

**Ġanni :**

Miet.
*(Ilkoll iċapċpu kif qalilhom il-GĦARUS u jibku.)*

**Ċetta :**

Xi żwieġ sabiħ !

**Nena :**

Qatt ma rajt bħalu.
*(Jidħlu l-BEKKAMORTI, ir-REFFIEGĦA, eċċ., jagħalqu t-tebut u joħorġu bih bix-xemgħat jixilgħu ma' dwaru.)*

**Ċetta:**

Xi żwieġ sabiħ!

**Ġanni:**

Din biċċa ġenn.

**Żeżina:**

Hwejjeġ li ma jitwemmnux.

**Ċetta:**

Xi żwieġ sabiħ. Nitħajjar minnu! Niżżewweġ bħalu! Irrid immut. Sa mmut. Irrid, irrid immut! Irrid, irrid, irrid immut!

---

## BHAL BNIEDEM IBLAH....

*Bħal bniedem iblah jiena ħżimt ġenbejja u ħriġt infittex l-hena;*

*Habbatt ħafna bibien imma ħadd ma fetaħli; Baudelaire bexxaq*
*kemm-kemm il-bieb imma f'idi flok ħobż tani ġebla;*

*U tlajt 'il fuq u rżaħt bil-lejl fuq il-fjords tan-Norveġja;*
*imma s-silġ għattieni u qabel inżilt jien rajt il-Nora tibki;*

*U mraħt 'l hawn u 'l hemm mal-witat tar-Russja imma f'dawk il-wesgħat intlift;*

*Għaddew minn fuqi ħafna dbejjeb imġewħa u bi qrunhom benġluli ġismi*
*imma Maxa miskina ħaslitli ġriħieti u dewwithomli qajl qajl;*

*U jiena għannaqtha u bistha lil Maxa fuq għajnejha w fuq xuftejha*
*u ħallejtha waħedha taħt il-kwiekeb f'dawk il-wesgħat tar-Russja*

*U mbenġel u għajjien jiena rġajt lura sieket u imbikkem għax*
*dort id-dinja kollha u l-hena ma sibthiex;*

*Qaluli li kienet f'dari moħbija fi ħbub għajnejn uliedi; qalu*
*wkoll li rawha fuq ix-xefaq tissiefaħ fi nżul ix-xemx;*

*U bħal wieħed miġnun jien erġajt ħriġt mill-ġdid infittex*
*l-hena u lmaħtha ma' Kristu għaddejja fuq il-mewġ ma' Miġnun ieħor.*

ANTON CALLEJA

# *Q L U B !*

Fi żwieġ il-Prof. Ġ. Aquilina, B.A.,
LL.D., Ph.D.(Lond.),
ma' Miss Biċe Cassar Pullicino.

*Il-lum, ħabib ta' ġewwa, nifraħ miegħek*
*wagt li ġo qalbek tħossu jżid il-hena,*
*l-hena li jibqa' fik u ġo qalb oħra*
*li twaħħdet miegħek.*

*Tifraħ il-lum, jien naf kemm tifraħ qalbek.*
*għax jiena doqtha wkoll l-imħabba tiegħek,*
*u dħalt ġo qalbek sew, u rajt il-wisa'*
*ta' qalbek kbira...*

*U jien kont nafu dan. Għax, għid, kif tista'*
*il-qalb ma tkunx bħall-moħħ fil-ġmiel, fil-kobor*
*li jien rajt fik, ħabib, iżejnu ġieħek*
*ma' tul żgħożiti?*

*Il-lum fil-wisa' ta' ġo qalbek kbira*
*daħlet qalb oħra: tkun bil-fors sabiħa*
*l-għażla minn qalb u moħħ bħal tiegħek, u inti*
*għażiltha sewwa.*

*Iftaħ, mela, dirgħajk, iftaħhom beraħ*
*biex tilqa' l-lum, fil-ferħ, l-imħabba ġdida!*
*Ara xi ġmiel!... Ersaq, tibżagħx: il-bewsa*
*tagħtik minn qalbha.*

*U t-tnejn, henjin, tgħixu bil-qlub imwaħħda*
*bla tixbgħu qatt mill-ħajja: u waqt li ħdejha*
*tisma', ħabib, minn fommha, bla tbatija,*
*. . . il-kelma sbejħa,*

*il-kelma li ħabbejt, li tħobb, maltija,*
*tħossu jiżdied il-hena; u ġewwa qalbek*
*tfawwar kull kelma żewġ għejjun ta' mħabba*
*tul ħajtek kollha.*

*Miegħek ukoll, ja sieħba ta' qalb kbira,*
*nifraħ il-lum. Tiegħek imħabbtu: ħudha...*
*'mma ħalli wkoll li f'qalbu jikber miegħek*
*il-ġieħ ta' Lsienna.*

DUN FRANS CAMILLERI.

# *H O L M  I*

*Nixtieq immur 'il bogħod, bejn sema w ilma,*
*fir-raxxa tax-xmejxiet,*
*fejn tbus il-mewġa taċ-ċafċifa wtieqa*
*il-firxa tal-fewġiet:*

*U noħlom fuq id-daħ'r ta' bandla (1) bajda,*
*taħt star mil-lewn in-nir,*
*fis-seħer għani tat-tagħmix t'għajnejja*
*li jfiġġ mill-qlugħ il-kbir:*

*Noħlom fil-ħajja kollha ħelwa w ratba,*
*bħal sieq il-ġilju mriegħex*
*ġe' ġnejna ħajja bil-wardiet il-kwiekeb*
*fejn jagħtab in-nida mriegħex:*

*Noħlom fiż-żifna tal-friefet imġenna*
*bil-ġilwa ta' sbuħithom,*
*li tfawwar f'serp ix-xmajjar f'ħarset Mejju,*
*fil-hena ta' żgħużithom:*

*O, kif fil-ġonna kbar ta' ħsibijieti*
*li jgħiru għall-xulxin.*
*Kif niġri w nixrob l-għasel bnin li jinbet*
*Fuq daħ'r dgħajjes ċkejknin!*

*Fuq daħ'r dgħajjes ċkejknin, 'il bogħod, 'il barra.*
*Fir-raxxa tax-xmejxiet,*
*fejn tbus il-mewġa taċ-ċafċifa wtieqa*
*il-firxa tal-fewġiet:*

*Hemmhekk id-dawl tal-jum, il-leħħ tal-kwiekeb.*
*jisirqu ħbub l-għajnejn;*
*u l-wisgħa wasgħa tal-wesgħat tal-ibħra*
*jiħduk, ma tafx il-fejn...*

**WALLACE GULIA,**
*(Kors Akkad. tax-Xjenza)*

(1) dgħajsa

# ŻFAL TAX-XOGĦOL

*Novella ta'* ĠUŻE' GALEA

WARA li sama l-ewwel quddiesa u xorob skutella kafè bil-ftiet, Xmun xeħet ċurniena wara dahru u telaq biex imur għax-xogħol. Kien għadu ma sebaħx u d-dlam f'dik l-għodwa kien iġib swied il-qalb u dieqa tal-biki; kienu dlam u ħemda: dlam li jgħatti kullimkien qisu bħal star tal-imwiet u ħemda li tnikket u tagħsar il-qlub. Il-ħolqien kien donnu mgħargħar finniket u d-dinja kienet siekta u kiebja tistenna minn ħin għal ieħor li jaqgħu fuqha qirda u mwiet. Ma' tul il-lejl l-ajruplani tal-għadu ma qatgħu xejn ġejjin il-ħin kollu jimlew l-arja bit-twerdin kiefer tagħhom u jriegħdu l-art bit-tfaqqigħ tal-bombi li jixħtu.

In-nies kienu għaddew lejl ta' tbatija li ma tistax titfisser; kulħadd imgezzez fix-xelter, kulħadd għajjien mejjet bla ma jista' jorqod u jistrieħ, kulħadd maqtugħ u mriegħed jisma' l-ħin kollu l-isparar tal-kanuni u t-tisfir tal-balal filwaqt li jistenna minn ħin għal ieħor li jintradam jew iħalli ħajtu taħt il-qilla tal-għadu, kulħadd beżgħan li fil-għodu, meta joħroġ mix-xelter, isib il-daru borġ ġebel u jibqa' b'ta' fuqu senduqu.

Malli ħareġ mid-dar Xmun lemaħ il-martu ħierġa minn għand il-ġara ssejjaħlu bi ħrara kbira:

"Xmun! Xmun!"

"Sejjer ix-xatt" weġibha Xmun. "Hu ħsieb it-tfal, tħallihomx jitbiegħdu mix-xelter. Barbri kif inhi?"

Barbri kienet il-ġara li mart Xmun għaddiet il-lejl għandha.

"Barbri tajba ħafna. Kif tasal ix-xatt ara kif tagħmel sib lil żewġha Sander u tih l-aħbar li dal-lejl twelditlu tarbija qisha ċagħqa!"

Xmun resaq lejn martu biex jisma' aħjar, donnu ma satax jifhem kif f'lejl ta' niket u qirda bħal dak li kien għadda minn fuqhom setgħet tieħu l-ħajja ħlejqa kollha ħlewwa u ġmiel. Xmun issoktat tgħid:

"Għaddejna l-lejl fix-xelter u fl-aqwa tar-raid il-Bambin bagħtilha lil-Barbri tarbija qisha anġlu tas-sema!"

"U Sander ma jaf b'xejn!" qal Xmun.

"Sander ilu li ħareġ mill-bieraħ u għadu ma reġax lura d-dar."

"Naf li l-gaj ta' Sander kellhom xogħol bħal dan il-convoy li daħal il-bieraħ jeħtieġ li jinħatt malajr għax il-għadu donnu waħħalha f'moħħu li jrid jgħarraq il-vapuri fil-port."

"Aħseb għal rasek, Xmun!" wissietu l-mara; imbagħad żiedet, "u qis li ssib lil Sander ħalli ttih l-aħbar tajba għax ikun qiegħed jistenniha bħal ruħ tal-Purgatorju."

* * *

Xmun u Sander kienu żewġt itfal tax-xogħol ħbieb tal-qalb, xbejjen ta' xulxin u ġirien; kienu trabbew flimkien u t-tnejn intefgħu għax-xogħol tax-xatt iħottu u jgħabbu l-vapuri; kellhom ħrara kbira għax-xogħol, kienu bieżlin u ma jaqtgħu qalbhom minn xejn, dejjem sefjrin, ħfief daqs tellerita, iħabirku u jirsistu bla qerq.

Hajjet Xmun u Sander kienet marbuta max-xatt u huma qatt ma fettxew iwarrbu minn ħdejn xifer il-baħar; minn fil-għodu sa fil-għaxija, meta jkun hemm ix-xogħol tal-ħatt jew tat-tagħbija fuq il-vapuri, kont tarahom telgħin u neżlin, imgħobbijin, jiġru fuq il-planki u jqabblu l-medda ta' riġlejhom mar-refgħa tal-falakka ta' taħthom.

Dawk iż-żewġ ħaddiema qatt ma tnikkru fuq ix-xogħol: kont tarahom qishom mekkuk ġejjin u sejrin minn fuq abbord għal maħżen u mill-maħżen għal abbord, għaddejjin b'ħeffa tal-għaġeb minn fuq il-fallakki dojoq li jagħtu l-mejt lil min jgħaddi minn fuqhom jekk ma jkunx imdorri, u l-ħin kollu jiċċajtaw u jgħajtu lil xulxin u jgergru u jitmasħnu, imma qatt ma jisħtu x-xogħol.

Aktar ma jidħlu vapuri u bastimenti fil-port u aktar ma jkun hemm xogħol, Xmun u Sander iżjed kienu jkunu hienja; id-dwejjaq tagħhom meta ma jkunx hemm xogħol ix-xatt; allura kienu jmorru xorta waħda u jgħaddu l-jum kollu jistaqsu u jitkixxfu jekk ikunx mistenni xi vapur u jitolbu xi sagħtejn xogħol lis-sidien ta' l-imħażen ta' madwar il-port; ġie li meddew idejhom biex igħabbu xi karettun ġwież jew biex iħottu bi barkun qamħ għal ġewwa l-magni tad-dħin; imma l-hena ta' dawk iż-żewġt itfal tax-xatt meta jkunu jħottu l-vapuri; xogħol bħal dan huma kienu jindaħlu għalih bil-ħrara ta' qalbhom kollha u jibqgħu jagħmlu u jistinkaw sakemm iniżżlu sa l-anqas kaxxa jew sa l-aħħar xkora minn abbord u waqt dan ix-xogħol bilkemm kien ikollhom is-sabar jistrieħu biex jitrejqu u jieklu bukkun; f'nofs in-nhar kienu jieqfu mix-xogħol sakemm jieklu l-loqma ħobż b'xi biċċa ġobon li marthom tkun hejjitilhom fiċ-ċurniena.

imbagħad imorru jixorbu terz inbid u wara dan erħilhom jerġgħu jinxteħtu għax-xogħol bi ħrara aktar kbira u tant kienu jintilfu fuq ħidmithom li donnhom ma kenux iħossu la s-sħana tas-sajf u anqas il-kesħa tax-xitwa.

Fix-xemx taqli ta' Lulju kont tara 'l Xmun u 'l Sander lebsin il-qalziet biss, imgermdin bit-trab, mitlufin fix-xogħol, bil-maktur miblul bl-ilma imdawwar ma' rashom, wiċċhom aħmar nar u għaraq iċarċar ma' sidirhom; hekk ukoll fil-qieragħ tax-xitwa, filwaqt li l-bard ilanġas jew ix-xita traxxax iż-żewġt iħbieb kienu jibqgħu xorta waħda jgħabbu jew iħottu, kienu jxiddu kabozza tax-xkejjer f'rashom u arahom il-ħin kollu iħabbtu saqajhom ġot-tajn tax-xatt u jiġru bit-tagħbija donnhom jisfidaw il-bard u ċ-ċirċ.

Waqt ix-xogħol ma kienx hemm tnikkir; il-ġarrira kollha u r-reffigħa ta' l-art u ta' abbord kif ukoll dawk ta' ġewwa l-istivi kienu jagħmlu kemm jifilħu ħalli jtellgħu fix-xogħol biex ifittxu jeħilsu u hekk jitħallsu u jieħdu xi sold id-dar: aktar ma jispiċċaw malajr aktar jiġbru malajr il-ħlas ta' l-għaraq ta' ġbinhom. Biex ma jitilfux żmien il-ħaddiema kien ikollhom saħansitra d-dagħjsa tal-kafe, ħalli waqt ix-xogħol, ikunu jistgħu jbellu griżmejhom bla ma jkollhom bżonn imorru fil-ħanut.

Imbagħad qabdet il-gwerra; il-bċejjeċ tal-gwerra ħarġu, il-vapuri siefru, il-bastimenti telqu u l-iskejjen salpaw mil-port tagħna; ix-xatt sar qisu mejjet, fieragħ u battal ibikkik; fejn dari ħajja, ħidma u bżulija, issa wieħed ma kienx jara ħlief ħemda u skiet; it-tfal tax-xatt kienu jidhru kiebja u b'qalbhom sewda donnhom irjus maqtugħa, jistennew: jistennew xi aħbar tajba, jistennew jidħol xi vapur, jistennew jitqanqal ix-xogħol u r-risq.

F'Malta dik il-ħabta kien hawn għaks u ġuħ kbir; kulħadd kien nieqes minn kollox, ħadd ma jista' jiekol sakemm jixba: it-tfal nieqsin mis-sustanzi, ix-xjuħ il-ħin kollu jittewbu. Vapuri kien ilhom ħafna ma jidħlu għax il-għadu kien dawwarna bi ħruxija kiefra mill-ajru u mill-baħar u waħħalha f'rasu li jeqridna bil-ġuħ jew iġiagħelna nċiedu.

Konna wasalna fit-truf tal-ħażniet u l-ftit li kien baqa' kien qiegħed jitqassam b'reqqa kbira. Saħansitra l-ħobż kien naqas minn ħalq il-Maltin u d-dqieq biex iwassal aktar kienu jħalltuh miegħu patata u dħin ix-xgħir, il-qamħ ir-rum u l-qaraboċċ. Fis-suq ma kont issib xejn, biex tiddobba ħobża żejda kont trid tixtriha bil-moħbi u b'mitqilha deheb. Mhux il-ħobż biss kien skarsa, imma l-ħtiġijiet kollha tal-ħajja kienu neqsin; in-nies kienu

jġewwsu imma ma kienux jistgħu jlaħħqu, biex isibu xi ħaġa żejda kienu jridu jfittxuha fil-"*Black Market*" u jħallsu tagħha bil-għama.

* * *

Dak in-nhar li lil Sander tweldítlu tarbija, kien hemm ħidma kbira u xogħol bla tarf fil-Port il-Kbir. Jumejn qabel kien daħal "*convoy*" u ġieb il-barka t'Alla miegħu. Il-poplu xegħel bil-ferħ għax fehem li l-qagħda kienet sejra taqleb għal aħjar, il-ġuħ jittaffa u l-għaks jinqered; kulħadd mela qalbu bil-hena u rabba ħila ta' sur. Imma kien hemm biża' li jtir kolox mar-riħ jekk il-"*convoy*" ma jitħattx malajr. Il-għadu kien ħalef li joqtolna bil-ġuħ u kien għamel minn kollox biex ma jħallix il-"*convoy*" jasal f'Malta, iżda ma rnexxilux sa barra u bosta vapuri, mkissrin u mħarbtin, b'inkejja ta' l-ajruplani u tas-sottomarini, daħlu fil-port u bdew iħottu.

Nżlu jaħdmu x-xatt irġiel mill-irħula ta' Malta kollha u marru jaħdmu bil-qalb kollha mhux biex jaqilgħu l-flus biss iżda l-aktar biex iħottu t-tagħbijiet minn fuq il-vapuri u jxerrduhom 'l hawn u 'l hinn f'imħażen imħarsin mill-qilla ta' l-għadu; ix-xtut tal-port kienu miżugħdin bil-ħaddiema, reffigħa u ġarriera, qishom nemel, bieżlin u ħfief, telgħin u nieżlin minn fuq il-vapuri għal ġewwa l-imħażen u mill-imħażen għal abbord : kien hemm tħabrik u ġiri li jieħu r-ras; lejl u nhar wieħed ma kienx jara u jisma ħlief ġiri u għajjat u ordnijiet u rġiel, żagħżagħ u tfal min ġej u min sejjer kulħadd mehdi b'xogħolu, kulħadd jaf x'għandu jagħmel, kulħadd jagħmel u jħabrek bl-imħabba min italla' x-xogħol l-aktar.

Ta' sikwit kienet iddoqq is-sirena biex twissi għal xi attakk mill-ajru u allura dawk l-eluf ta' nies kienu jfittxu l-kenn tal-blat; kienu jmorru jistkennu fuq il-qalb, b'demmhom imbaqbaq għall-għadu u sogħbiena għax għadhom ma ħelsux mix-xogħol li kellhom jagħmlu.

Xmun dam nofs ta' nhar igħarrex u jistaqsi għal ħabibu Sander biex jagħtih l-aħbar tajba, iżda baqa' ma ltaqax miegħu. Billi kien hemm xogħol kbir Xmun u Sander kellhom x'jagħmlu ħafna u ma setgħux jitnikkru biex imorru jfittxu jew jiltaqgħu wieħed ma' l-ieħor.

Sander kien ilu x-xatt mill-ġurnata ta' qabel jaħdem tista' tgħid il-ħin kollu; anqas kellu żmien jasal wasla sad-dar għax billi kienu fuq xogħol ta' ħtieġa kbira, l-imgħallem ma ta sensja lil ħadd li jwarrab u jitbiegħed mill-port.

Habta tas-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar daqqet is-sirena u minnufih waslu salt ajruplani donnhom qatta mniegħel ħerġin mill-infern; daru dritt għal fuq il-port u bla ma qisu n-nar u l-azzar li beda tiela għalihom, bdew igħoddzu fuq il-vapuri u jixħtulhom bombi ta' kobor li jwaħħax.

F'radda ta' salib qamet ħamba tal-biża' fuq il-port: twerdin ta' ajruplani, tvenvin ta' bombi, tfaqqigħ ta' balal u ħsejjes li jwerwru. Mill-ħabar bdew telgħin muntanji ta' ilma kull fejn taqa' xi bomba, fl-art bdiet tqum sħaba ta' duħħan kull fejn tiġġarraf xi dar. Kienet għaddejja tagħbija ta' ħerb li tiknes kull fejn tmiss: vapuri jitfarrku, imħażen jiġġarrfu, nies jinqerdu; Malta dak il-ħin kienet donnha maħkuma minn setgħa kiefra li ma tgħaraf u la ħniena u la lġiem u l-Maltin ħassew ruħhom misħuqin taħt qawwa ta' ħerba u ta' qilla li tkexkex.

Xmun kien jaħdem ħdejn il-krejn fuq vapur marbut fuq il-bagi f'nofs il-port; meta daqqet is-sirena ma kellux żmien jinżel l-art u baqa' abbord; mar tħaxken kif sata' taħt il-bridge u reħa ruħu f'idejn Alla. Il-balal ta'l-għadu dawwru l-vapur dawwramejt u bosta drabi Xmun ħass ir-riħ tal-blast jaħbat ma' wiċċu qisu fewġa mqanqla minn ġwienaħ il-mewt. Ma' kull tfaqqigħa ta' bomba dak il-ħaddiem kien iħoss il-vapur imil minn naħa għal oħra donnu qoxra ta' ġewża jew jogħla qisu merfugħ minn idejn il-waħx telgħin minn qiegħ il-baħar; il-port imtela bi dħaħen u ilmijiet u trabijiet u għabra u laqx ta' azzar li wieħed ma kienx jista' jara x'kien jiġri qamtejn bogħod minnu u kull min kien f'dik it-taħbila u qirda ħass ruħu maqtugħ minn kull għajnuna u mħejji għall-mewt l-aktar kerha.

Xmun sab ruħu maqbud fuq il-vapur donnu bhima lesta għall-qatla, ma satax jiċċaqlaq minn fejn kien, ma satax jinżel l-art u anqas joħroġ minn taħt il-bridge għax malli jfiġġ rasu kienet tolqtu xi waħda mill-eluf ta' laqx ta' ħadid u azzar li kienu nieżlin bħax-xita; l-imsejken kien ra li kull triq tal-ħelsien kienet magħluqa, għamel ruħu b'mitluf, qabditu tkexkixa, ġismu qam xewk xewk u waqqgħet dalma quddiem għajnejh.

Dak il-waqt instemgħet tisfira li tidħol fil-qalb u minnufih inħasset xi ħaġa ta' saħħa kbira taħbat b'qawwa li ma bħala mal-vapur, dan għola qisu sufra, irtogħod u beda jinħall bħal bettija meta jinqatugħlha ċ-ċrieki. Ma' did-daqqa Xmun instabat mal-kverta u malli waqa' ħass il-pjanċi ta' taħtu jċiedu u jisħnu donnhom qiegħdin jinkwew.

Xmun baqa' għal ftit tal-ħin mitluf minn sensih, imma s-

sħana tan-nar qajmitu mit-telfa li kien waqa' fiha, fetaħ għajnejh u, ftit iqjiem 'l hinn minnu, ra l-kverta mċarrta u miftuħa f'bofra kbira li minnha kienu ħerġin ilsna ta' nirien u dħaħen suwed li jwerwru; l-imsejken raġa' għalaq għajnejh u ħaseb li qiegħed joħlom f'xi dinja oħra, imma s'sħana tan-nar malajr ġiebitu f'sensih, raġa' berraq għajnejh u ta s-salt biex iqum, dak il-ħin ħass weġgħa f'rasu u xi ħaġa sħuna ċċarċar ma' wiċċu, mess fejn kien juġgħu u idu ċċapset bid-demm. Xmun għaraf li kien midrub f'rasu, imma ma qagħadx jaħseb kif indarab; dak il-ħin kienu donnhom infetħu bwieb l-infern; qamet ħamba tal-ġenn, il-vapur tagħtta minn sħaba ta' duħħan iswed li jgħami l-għajnejn u joħnoq il-griżmejn, qamet riħa ta' ħruq u nstama għajjat ta' nies imbelħin bil-biża' u krib ta' midrubin. Dak il-waqt għadda ħsieb ikraħ minn moħħ Xmuni: il-vapur kellu stiva mimlija balal u esplosivi, jekk in-nar jilħaq hemm, il-vapur u kull min kien fuqu kienu jtiru mas-sema.

Malli ntebaħ bil-periklu li kien fih, Xmun qam donnu mqabbeż minn molla u telaq jiġri lejn l-iskala tal-vapur, iżda sabha mtajra; ftit il-bogħod lemaħ erba' ħaddiema f'dagħjsa mwerwrin bil-biża', jaqdfu kemm jifilħu lejn l-art. Xmun sejħilhom, imma b'dak l-għagħa kollu ma semgħuhx u minnufih id-dħaħen u l-għabra ħbew id-dagħjsa u n-nies ta' fuqha.

Dak l-imsejken baqa' donnu ruħ mitlufa ma jistax jinżel u jwarrab minn fuq il-vapur li issa kien sar ħuġġieġa waħda u li kellu mnejn jisplodi minn ħin għal ieħor. Xmun qabdu ferħ ta' ġenn u nfixel x'jibda jagħmel, iżda dak il-waqt instama' ajruplan jogħdoż u minnufih inħasset it-tisfira ta' bomba nieżla; ma' dik it-tisfira Xmun ma qies xejn aktar, qabeż minn abbord għal ġewwa l-baħar u beda jgħum lejn l-art b'saħtu kollha.

Il-baħar kien imqalla u lewn iċ-ċomb minħabba l-ħama li kien inqala' mill-bombi li waqgħu fih; f'wiċċ l-ilma kienu jgħowmu bċejjeċ ta' għowwied, tiksir ta' braken, falakki, kaxxi ta' merkanzija u tħarbit ta' dgħajjes imfarrkin mill-bombi; kien hemm ukoll ħafna rqajja ta' żjut li xi wħud minnhom kienu qiegħdin jaqbdu ħuġġieġa waħda.

Xmun beda jaqta' bil-qama u jżiċċ f'wiċċ l-ilma b'ħeffa kbira, imma ma damx sejjer hekk wisq minħabba l-biża' li kellu fuqu u l-ferita ta' rasu li minnha kien ħiereġ id-demm il-ħin kollu. l-imsejken beda jnaqqas mill-ħeffa tal-għowm, fil-baħar ma' dwaru kienu neżlin bċejjeċ ta' azzar u bombi ta' kull daqs li malli jfaqqgħu l-baħar kien jitla' u jsir qisu ilma jagħli.

Wara ftit tal-ħin il-għowwiem beda jgħeja, in-nifs beda jonqsu u idejh jittaqqlu, hu aktar beda jisforza u jitqanżaħ biex ifittex jilħaq xifer ix-xatt, iżda aktar ma beda jitħabat aktar bdew jonqsuh il-forzi u ma damx ma ħass ruħu bla saħħa, l-imsejken inħakem minn biża' kbir, ħass idejh jitħeddlu, saqajh ibbisu u qabadhom bħal bugħawwieġ, beda jgħajjat kemm jiflaħ għall-għajnuna, imma fost dawk il-ħsejjes tal-biża' ħadd ma wieġbu.

Xmun tilef kull tama li jilħaq l-art, il-ferita ta' rasu xxarbet bl-ilma baħar u bdiet taħarqu, għajnejh ħmaru u bdew idemmgħu, qabdu wġigħ f'sidru, żammlu n-nifs u beda jara d-dinja ddur bih, imbagħad rasu bdiet telgħbu u ma satax iżommha 'l fuq mill-ilma, ħass ruħu nieżel lejn il-qiegħ u beda jibla' ilma mielaħ, dak l-ilma qanqallu bħal dardir u ġieblu bħal reqqet ir-ruħ, l-imsejken qata qalbu u reħa ruħu f'idejn Alla, f'ħin wieħed ftakar f'martu, f'uliedu, fid-dar tiegħu ċkejkna fi triq imwarrba tar-raħal, qalbu magħfset u riedet tinqasam, imbagħad ħass ruħu bla saħħa nteħa u beda nieżel u nieżel, ħa xi żewġ nifsijiet qawwija, bela' xi erba boqqiet ilma baħar li daħlulu fi griżmejh u xerrquh, wara dan ħass ruħu qiegħed jifga, waqgħet dalma quddiem għajnejh u ntilef barra minn sensih; imma qabel ma ntilef għal kollox ħass bħal id taħfnu mix-xagħar ta' rasu u tiġbdu 'l fuq lejn wiċċ l-ilma, lejn l-arja lejn id-dawl.

* * *

Meta ġie f'tiegħu Xmun sab ruħu mxarrab għasra, mimdud għal dahru ġewwa maħżen fuq il-qigħa ta' l-art, ma' dwaru kien hemm ħafna ħaddiema, min jagħfaslu sidru u min iħaddimlu dirgħajh biex iġagħluh jieħu n-nifs; Kien hemm geġwiġija, imma fost kliem ieħor xi ħadd staqsa: "Tgħid miet?" Xi ħadd ieħor qal: "Sand, tgħid isograjt ħajtek għalxejn?"

Għal isem ta' Sander, Xmun fetaħ għajnejh u ra l-ħabib tiegħu għarkubtejh ma' ġenbu jixxuttalu wiċċu mill-ilma. Malli Xmun bexxaq għajnejh, dawk l-irġiel ħadu n-nifs u aktar irtassu ma' dwaru, ħafna minnhom bdew jifirħulu talli ħeles mill-għarqa u staqsewh kif kien iħossu. Wieħed flien resaq aktar lejn Xmuni u qallu: "Għandek għaliex tibqa' tafulu lil xbinek Sander! Li ma kienx hu kieku issa tinsab fost il-ħut!"

Xmun dawwar wiċċu lejn Sander u l-ħrara ta' qalbu dehret tiddi fi ħbub għajnejh. Wieħed ieħor mill-ħaddiema li kien hemm miġbura żied igħid lil Xmuni: "Sander issogra ħajtu għalik; malli smajnik titlob l-għajnuna, hu minnufih qabeż il-baħar għalik b'inkejja ta' xita ta' balal u l-biża' li jesplodi l-vapur."

Xmun ċaqlaq idu bi dbatija, qabad id xbinu u għafasihilu, imbagħad b'leħen mitfi qallu :

"Kif nista' nħallsek ta' kull ma għamilt miegħi?"

"Ħallik minn dan issa. Issa strieħ sakemm jasal it-tabib biex idewwilek rasek." wieġeb Sander.

Il-ħaddiema meta raw li Xmun ġie f'sensih bdew iwarrbu u fl-aħħar baqgħu Xmun u Sander weħedhom. Dak il-ħin daqqet is-sirena biex tħabbar li l-ajruplani ta' l-għadu għaddew; ma' dik l-aħbar Xmuni ftakar li hu kellu aħbar ieħor għal xbinu Sander, dar lejh b'ħerqa kbira u bi dbissima fuq xuftejh qallu :

"Sand, għandi aħbar tajba għalik, kont ili nfittxek u ngħarrex għalik nofs ta' nhar biex nagħtihilek; dal-lejl martek ġiebitlek fid-dinja tarbija ħelwa qisha anġlu tas-sema u talbet lill-marti biex inwassallek l-aħbar."

Sander wiċċu ħa d-dawl; dak il-ħaddiem donnu ġolf ħass bħal ħlewwa ta' qalb għall-aħbar li sar missier, qalbu riedet tfur bil-hena, nesa l-gwerra, nesa d-dbatija, nesa l-għaks, dam għal ftit tal-ħin mitluf donnu f'sakra ta' ferħ imbagħad dar fuq Xmun u bi tbissima fuq xuftejh, qallu : "Il-Bambin bagħatli ħalq ieħor x'nitma; jagħmel Hu. J'Alla ma jonqosx ix-xogħol!"

---

## NUDIŻMU

(Lil xi tfajliet tal-lum.)

*Daqsxejn daqsxejn bqajt sa d-dublett qassartu*
*xi tlitt iswaba' 'l fuq minn irkopptejk.*
*u l-lbies, li jgħatti u ma jgħattix, sawwartu*
*maħrut fil-għonq u mqaċċat minn spallejk.*

*Dlonk tidħak għaliex taħseb li saħħartu,*
*'k xi ħadd jitbissem meta jgħaddi ħdejk;*
*u biex tħajru ġurnata jieħdok b'martu,*
*tgħaddi idek qajl qajl minn fuq ġenbejk.*

*Għandek raġun; għax meta x-xebba kellha*
*qalb ġe' sidirha u ras li taħseb biha,*
*ġisimha kienet tostru taħt l-għonnella:* (1)

*int qalb u ras m'għandekx; x'tagħti lill-bniedem*
*li jrid imħabbtek biex jithenna fiha*
*ma baqagħlekx ħlief par saqajn u... gdiedem.*

**DUN KARM.**

---

(1) L-għonnella tal-lbies, jiġifieri d-dublett

# IL-FOLKLORE TA' MALTA U GHAWDEX

Ta' Ġ. Cassar Pullicino.

MINN mindu l-kelma "Folklore" issawret fl-1846 minn W. J. Thoms, sar tiftix ta' reqqa kbira fil-ħajja tan-nies ta' bosta pajjiżi. Kien tiftix siewi fuq id-drawwiet, fuq it-twemmin fieragħ (superstizzjonijiet) li jsaltan f'imħuħ in-nies, l-iktar ta' bla tagħlim, li l-ħajja tagħhom tintiret bla tibdil xejn, jew tibdil żgħir, mill-missier għall-iben, minn nisel għal ieħor. U dan it-tiftix ma damx ma kixef dinja oħra ta' drawwiet u superstizzjonijiet, imxerrda ma' l-art kollha, fejn qabbdu l-egħruq tagħhom ġrajjiet qodma, nofshom minsija, li l-Istorja ma fakkritx. Jinsabu dawn il-fdalijiet tal-ħajja u l-kultura l-imgħoddija fi ħwejjeġ żgħar, bħal ma huma t-taqbil u l-għana, it-tħannin tat-trabi, il-qwiel u l-ħrejjef tal-poplu, u għadek tista' ssibhom, fost dik il-qatgħa ta' nies li l-aktar jibqgħu marbuta mad-drawwiet u t-twemmin qadim ta' misserijiethom. Ix-xjenza ġdida tal-Folklore "tħaddan il-kultura u l-għerf li l-poplu joħloq mir-riżorsi tiegħu biss u li ma daħlux fl-Istorja u fir-Reliġjon uffiċjali tal-pajjiż." Issibu għalhekk kull fejn hemm poplu, imxerred mad-dinja kollha, imwieled min jaf meta, donnu miżmum ħaj mid-dehra tas-sema ikħal, mit-tifkira tal-kobor ta' darba, imqabbad sħiħ mal-imqades u d-djar il-qodma li fuqhom il-poplu niseġ ħrejjef, u qwiel, u sawwar għanjiet u taqbil biex bihom fisser l-għaġeb tiegħu għall-kobor tal-ħolqien ta' madwaru.

Għidna li dan il-għerf bla miktub issibu kullimkien: mela Malta għandha wkoll il-Folklore tagħha, għani daqs ta' artijiet oħra. Dnub li dan il-materjal għadu qatt ma ngabar kollu u li ħadd għadu ma għarblu u ikklassifikah biex ikun jista' jiswa għal studju mxebbah ma' dak ta' pajjiżi oħra. Imma d-dmir tagħna li qed ngħixu fis-seklu għoxrin huwa li nagħmlu dak li ma redux jew ma setgħux jagħmlu ta' qabilna fl-imgħoddi. Minna għandu jiġi li nuru interess biex niġbru l-fdalijiet ta' twemmin qadim u nħejju t-triq għall-bini ta' Biblijoteka tal-Folklore Malti! F'din il-kitba beħsiebni niġri ġirja ħafifa mal-għalqa kbira tal-Folklore, nuri l-elementi li minnhom jissawwar, ngħid fuq fuq kif jista' jitqassam taħt bosta rjus għall-ħeffa ta' l-istudju u nagħti wkoll xi tagħrif kif u m'nejn jista' jinġabar dan il-Għerf bla miktub, kif sejjaħlu Patri Manwel Magri.

L-ewwel ma nibdew mill-Ħrejjef Maltin. Minn dawn

għandna, jew aħjar kellna, bil-bosta; imma llum kull ma jmorru qegħdin jintesew mat-tusigħ tat-tagħlim il-ġdid, li ġenneb il-qadim — il-Folklore — li ma baqax jiswa għall-ħajja tal-lum. Imma jeħtieġ niftakru li mhux dejjem kien hekk: dari kien xort'oħra, u l-ħrejjef kienu għal niesna l-qodma dak li r-rumanzi u x-"short stories" huma għalina llum, sew bħala mogħdija taż-żmien kif ukoll bħala mezz ta' tagħlim siewi fuq il-ħajja. Fi kliem ieħor, kienu jimlew vojt fil-ħajja ta' misserijietna. U xi studjużi nxteħtu għal dax-xogħol, fosthom Patri Manwel Magri u l-Prof. H. Stumme, tedesk, li bejniethom għall-bidu ta' dan is-seklu ġabru biċċa sewwa mill-ħrejjef tagħna. Ta' l-ewwel ħareġ sensiela minnhom fil-*Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien*, taħt l-isem ta' "*Hrejjef Misserijietna*" (2), "*Misserijietna u l-Ġganti*" (2), "*X'igħid il-Malti*" u "*X'igħid il-Malti fuq id-dinja ta' taħt u fuq ir-Rjieħ.*" H. Stumme ħareġ ktieb bil-ħrejjef imniżżlin bil-Malti "*Maltesische Studien*"—Leipzig (1904), u mbagħad qalibhom għall-Ġermaniż "*Maltesische Märchen Gedichte und Ritsel*". Xi ħrejjef Maltin ta' Patri Magri nqalbu għall-Ingliż minn Margaret Murray u L. Galea fil-ktieb "*Maltese Folktales*" (1932).

Insibu fil-ħrejjef ta' Malta tixbih ma' dawk ta' artijiet oħra. Hekk il-ġrajja ta' Bin il-Għarfa jixbhu 'l dawk tal-Grieg Hercules, u l-Ġaħan Malti għandu ħafna mill-Ġofà Sqalli. L-element tas-seħer jidher ukoll bosta drabi. l-ilma tal-ħajja (li jinsab ukoll fl-istejjer Ġermaniżi ta' l-aħwa Grimm), ifejjaq il-mard u jgħaqqad il-ġisem mill-ġdid wara l-mewt; kull min irid jaħrab mis-saħħar kiefer tal-ħrafa jinqeda bi tliet kobob, ħomor, bojod u koħol, li meta jinxeħtu jinbidlu f'nar, f'baħar jew fi xkiel ieħor li jfixkel is-saħħar u jgħin 'il min ikun qed jaħrab. It-tifla tas-sultan tista' tgħid dejjem tiżżewweġ 'l iżgħar fost tlitt aħwa, li fosthom huwa biss juri li jistħoqqha l-akbar. Xi tagħlima nisiltu wkoll minnhom; il-bibien u s-sniedaq li ħadd ma għandu jiftaħ juruna li ma għandniex inkunu kurjużi. U barra minn hekk, xi waqtiet ninfexxu nidħku bil-figura ta' Ġaħan jaħsel il-kirxa jew dieħel ġol-knisja jiġbed il-bieb warajh, għax ommu qaltlu jagħmel hekk. F'ħinijiet oħra ninġibdu wara l-kappillan għaqli — iċ-"Ċenaklu" — li tant kien jilħaqlu li ġiebħa żewġ ma' kulħadd u dejjem ħareġ b'wiċċ il-ġid min-nases li kienu jagħmlulu.

Barra l-ħrejjef, għandna wkoll il-Għana, li flimkien mal-ħrejjef kienu kullimkien l-ewwel letteratura tal-pajjiż. Dan il-għana ħafna minnu huwa tradizzjonali, jintiret mill-missier

għal għand l-iben; huwa ġenwin u tinħass fih tbaqbaq il-passjoni u jgħaġġel it-taħbit ta' qalb il-poplu misjura bit-tiġrib tas-snin. Għadhom jafuh ix-xjuħ tagħna: u fl-irħula, għal dawl il-qamar fl-iljieli sajfija, għadhom joħorġu, bil-kitarra ġewwa jdejhom, iduru mat-triqat u jsemmgħu l-għana tagħhom, ħiereġ minn ġo qalbhom, issa marbuta mal-ġmiel tal-ħanina, issa mqallgħa għall-kruha taċ-ċaħda fil-ħajja u issa mgħollija għat-telfa tal-isbaħ tamiet tagħhom. Hija l-kotra tal-poplu li tgħanni: il-ballata waqt li jballtu bil-marżebba fuq id-deffun tal-isqfa; il-bdiewa wara l-ħsad, fuq l-andrijiet; is-sajjieda, ġejjin lura bil-konzijiet mimlija bil-qabda: il-ħassiela waqt li jkunu jgħorku l-ħwejjeġ u jonfduhom — u kulħadd isemma' l-għana tas-sengħa tiegħu. Tisma' għanjiet li jfaħħru u jgħallmu, imma hemm oħrajn li jmaqdru u jgħajru u jaqgħu fil-għajb. Oħrajn ifakkru l-ġrajjiet qodma ta' niesna fl-imgħoddi; it-tiġrib ta' "L-Għarusa tal-Mosta", il-qsim il-qalb ta' "Katrin ta' l-Imdina" u l-qlubija ta' "Toni Bajjada" minn Naxxar. Dawn u ħafna għana ieħor li minnhom ġabru G. P. Badger fil-"*A description of Malta and Gozo*" (1838); il-Professur L. Bonelli fid-"*Dialetto Maltese*" 1891), u fis-"*Saggi del Folklore dell'Isola di Malta*" Palermo 1895), u l-Professur H. Stumme li ġabar 400 fil-ktieb "*Maltesische Volksieder im Urtext mit deutcher Ubersetzung*" — Leipzig, 1909. Barra dawn, għandna studju bil-Malti tal-Professur Aquilina, meta kien għadu student, fl-ewwel żewġ numri ta' "Leħen il-Malti" (1931), ieħor bl-Ingliż ta' A. Cremona, "*Is the Maid of Musta a Myth*" (Journal of the Malta University Literary Society, 1934.—Lux Press), fuq l-Għarusa tal-Mosta, bi tweġiba għal dak bit-Taljan ta' Ettore Rossi fuq l-istess suġġett.

Fergħa oħra tal-Folklore Malti huma l-"leggendi popolari" li jinsabu mxerrdin 'l hawn u 'l hinn fil-gżejjer tagħna. Huma stejjer qosra, ħelwin, imżewqa mill-fantasija tal-poplu. Għadek tismagħhom dawn l-istejjer, fuq xi knisja jew dar qadima, fuq xi nieċċa jew statwa qalb ir-raba', kif ukoll fuq l-ismijiet ta' postijiet f'Malta u Għawdex. U billi dawn il-leġġendi ssawru ftit ftit ma' tul il-mixja ta' l-Istorja tagħna, nistgħu għalhekk inqegħduhom qatgħa qatgħa, waħda għal kull żmien importanti tal-ħajja ta' artna. Nibdew mit-tradizzjonijiet ta' San Pawl li tnisslu mill-miġja fostna ta' l-Appostlu tal-ġnus, u li tagħha għad għandna t-tifkira f'ismijiet bħal dawn: S. Pawl il-Baħar għax ħabat hemm; Għajn Rażul (Appostlu), fejn ġagħal l-ilma joħroġ biex jisqi 'l sħabu, u San Pawl Milqgħi fejn kien mil-

qugħ minn Publju.

Ngħaddu mbagħad għal-leġġendi Normanni fuq il-Konti Ruġġieru, kif niżel Miġra l-Ferħa, u ġie milqugħ mill-Maltin bil-weraq tal-palm u taż-żebbuġ u għadda minn "Wied ir-Rum" għal taħt l-Imdina; u wara niġu għat-tradizzjonijiet fuq it-Torok u l-Kursali tas-sekli ħmistax u sittax, fejn il-ħruxija ta' Dragut u sħabu għadna niftakru fiha mħabba l-isem ta' xi blata jew biċċa art, ta' xi knisja żgħira mtellgħa b'wegħda biex Malta teħles mit-Torok, kif ukoll f'xi għidut bħal "Ikrah Tork", "It-Torok tieħdok" u "ħażin daqs Kursal." Il-Kavalieri wkoll ħallew tifkira fil-moħħ tal-poplu, li għadha tidher mill-istejjer fuq palazzi u djar kbar fejn igħidu li jaraw il-ħares għax flhom qatlu Kavalier, fuq is-saħħar Falzun, fuq il-kefrija ta' l-Inkiżizzjoni u l-biża' tal-"Bir tas-Skieken." Fl-aħħar insemmu l-leġġendi Franċiżi, meta darba qalgħu xebgħa f'dan jew dak ir-raħal u meta tagħna ħbew id-damask u l-qniepen tal-knejjes biex ma jisirquhomx il-Franċiżi. Stejjer dawn li baqgħu ħajja sa żmienna, imma li għad iridu jinġabru u jitqiegħdu fil-kwadru tagħhom bħala versjoni popolari tal-ġrajja ta' Malta. Ta' min ifaħħar hawnhekk ix-xogħol li kien għamel bit-Taljan A. Farini, li ħareġ tliet kotba għall-iskejjel "*Fiabe, Tradizioni e Leggende Maltesi* (Tip. San Giuseppe, Hamrun—Malta, 1934-36).

Insemmu issa l-Mediċina popolari u "Kliem ir-Riqi". Niltaqgħu ma' ta' l-ewwel fil-bosta twemmin mingħajr bażi xjentifika li l-poplu tagħna (daqs dak ta' bnadijiet oħra) jinqeda bih meta jinqalagħlu xi mard, xi tfekkik, xi qsim eċċ. Hekk, għal rifsa ta' debba jħażżqu ftit fejġel bil-martell u jkebbuh mas-sieq halli jqatta' d-demm; għad-deni biered igħallu x-xewk tal-għoqba u biex jiġbed id-deni ta' tarbija joqtlu fenek, jaqsmuh u jqiegħduh fuq żaqq il-marid sakemm jiħdar, eċċ. Għidna li dawn ir-rimedji ma fihom xejn xjentifiku. Imma ma għandniex ninsew illi bosta mill-mediċina tal-lum ġejja dritt minn dik popolari, li fin-nuqqas ta' ħaġa aħjar, ma setgħetx titwarrab qabel. Ma' dawn għandhom x'jaqsmu xi ftit rimedji oħra biex wieħed ibiegħed xi marda, bħal ma hi s-suffejra, dik ta' l-għajnejn "il-qarnita", dik tal-wiċċ "il-ħżież" eċċ. Għal dawn hemm "il-ħatem" li bih jogħorku l-għajn jew ġilda marida waqt li jgħidu xi vrus imqabbla biex "jirquha." Kliem ir-riqi jista' jisseijaħ ukoll dak li jgħidu niesna biex ibiegħdu l-"għajn", biex jaqtgħu t-tromba fil-maltemp, meta jberraq u jriegħed bil- qawwi eċċ. Superstizzjonijiet kemm trid : imma qegħdin magħna — u mhux Malta biss! Minn dawn għad hawn ħafna x'wieħed jiġbor, għal-

kemm sew Patri Magri kemm A. Cremona fil-kitbiet tagħhom fethu t-triq għal studju akbar fit-twemmin u s-superstizzjonijiet tal-Maltin.

Taħt il-Folklore jaqa' wkoll l-għajjat tal-bejjiegħa, li jista' jiswa biex juri fuq fond soċjali l-persunaġġi tradizzjonali li jirtu l-għajjat mas-sengħa tagħhom. Hemm ukoll l-laqmijiet ta' rħula tagħna, imsejsin fuq il-piki ta' bejniethom, biż-żediet ġodda ta' laqmijiet, u l-piki ta' baned u każini tal-logħob tal-ballun. Insemmu wkoll il-logħob tat-tfal Maltin, u l-kliem, aktarx imqabbel, li jgħidu waqt il-logħob, li llum bil-ftit il-ftit qed jinqata'. Qed ingħid għal dak li konna nilagħbu aħna, bħal "Faraboj", "Qliegħa għal-Likk", "Dgħajsa Galjotta", "Malta Tagħna", "Frendun", "Id-Daqqa tal-Imgħallem", "Noli", "Tula Bott" u ħafna oħrajn bħal dawn li kienu l-ħena u l-ħajja tat-tfulija. Ma' dawn inżidu l-"Haġa Moħġaġa" li t-tfal jafu ħafna minnhom, imma li meta jikbru jinsewhom; ftit li xejn għad għandna miġburin minnhom u għalhekk min irid għandu kamp kbir fejn jirgħa.

Hadd ma jista' jħalli barra mill-Folklore, il-Qwiel tal-pajjiż, u minn dawn Malta għandna kemm irridu. Trid biss toqgħod b'widnejk miftuħa u tniżżel kull proverbju li tisma' biex b'hekk inkunu nistgħu nżidu dejjem ma' dak li ġa nġabar u ma' l-istudji fuqhom li ġa saru. Ġabriet ta' qwiel Maltin għandna. L-ewwel ma beda Agius de Soldanis (1712-1770) bil-"*Apoftegmi e Proverbi Maltesi*" li ħalla manuskritt u li debru fil-"Malta Letteraria" fl-1929; imbagħad Vassalli bil-"*Motti, aforismi e proverbi maltesi*" (1828), li minnu mbagħad ħadu oħrajn, bħal Castagna fl-Istorja ta' Malta tiegħu. Hemm imbagħad studju fuq il-Qawl Malti, mill-Prof. G. Aquilina, meta kien għadu student, li wara deher fil-"*Ward ta' Qari Malti*", Vol. II; waqt li Patri Magri fil-ktieb "*X'igħid il-Malti*", għamel biċċa xogħol billi ġabar it-twemmin tal-biedja u tat-temp li wasal għandna taħt sura ta' qwiel. A. Cremona għandu studju tajjeb ukoll fuq dawn, li ħareġ fl-1922, fl-"*Archivum Melitense*", taħt l-isem "*Weather and Husbandry Lore in the Isles of Malta*". Dan l-aħħar, fl-1942, ħareġ ukoll ktieb bil-qwiel Maltin imxebbhin ma' dawk Ingliżi, mill-Kaptan E. Busuttil. Imma għad fadal x'wieħed jigbor, u dan mhux xogħol ta' wieħed waħdu: għax qawl li jingħad f'raħal ma tisimgħux f'raħal ieħor u anqas fl-ibliet, u dak li jgħidu l-bdiewa ma ssibux f'ħalq il-barklori u anqas tisimgħu mill-faħħama jew minnies tal-barriera.

Barra dan li semmejna hemm fergħa oħra ta' **Folklore Malti**,

bħal ma huma d-drawwiet qodma tagħna fit-twelid, fiż-żwieġ u fil-mewt, kif ukoll fl-ilbies u fl-istrumenti tad-daqq u fiż-żfin Malti. Kiteb fuq dawn Abela-Ciantar, u ħafna oħra barranin, li ġew Malta u ħadu minn dan il-kittieb tagħna. Hemm imbagħad id-drawwiet Maltin f'jiem ta' festa; ngħidu aħna li l-għada ta' San Publju jmorru San Pawl il-Baħar, f'San Girgor għal Marsaxlokk jew Birżebbuġa, u f'Lapsi jew għall-Kalkara inkella għal fuq il-Gżira tal-Lazzarett. Fuq dawn tajjeb wieħed jara l-ktieb "*Id-Drawwiet tal-Maltin*" (1909) ta' Dun G. Farrugia, u dak ta' Vzo. Busuttil "*Holiday Customs in Malta*" (1894). Hemm drawwiet oħra li mhux la kemm tgħid għaliex jew meta bdew jsiru; għala ma' l-ewwel tokk ta' Sibt il-Glorja jaqbżu l-baħar u jieħdu l-ewwel għuma; għala fl-Imnarja jsiru t-tiġrijiet tal-bhejjem, jew f'Mejju jarmaw l-arblu u jitilgħu għalih wara li jkun midluk bix-xaħam, x'ifisser il-qamħ u l-ġilbiena li jiżirgħu għall-Milied u għall-Gimgħa l-Kbira, u l-ħġejjeġ li jqabbdu u t-trajbu li jaħarqu lejlet San Gwann, u bosta u bosta oħrajn li twelidna qalbhom imma li qajla nagħtu każ tagħhom.

Minn dawn l-elementi ewlenin huwa msawwar il-Folklore Malti. M'hemmx għalfejn ngħidu li din li tajna hija klassifikazzjoni wiesgħa u fuq fuq għall-ħeffa ta' min jitħajjar jiġbor xi ħaġa ta' siwi folkloristiku. Jekk taħsel tidħol fis-suġġett imbagħad waħdek tibda ssib fuqhiex tikteb jew tfittex. Il-biċċa xogħol qiegħda sa kemm tasal biex tħajjar 'il dak li jkun biex igħidlek dik l-għanja jew dik il-ħrafa li inti tkun trid. Jeħtieġ l-ewwelnett li ssir midħla ta' dawn in-nies, u qabel ma tneħħi xi ftit minn dak it-tfantis soċjali li jġagħlek taħrab it-tallab, u titbiegħed mill-bidwi, mis-sajjied jew mill-barklor, la tistenniex li dak l-ieħor sa jgħidlek xi ħaġa, meta ma jafx b'liema ħsieb qed tistaqsih dal-ħwejjeġ, jekk hux biex tidħak bih għax ma tgħallimx skola. Għalhekk il-ġbir tal-folklore jitlob tħabbib mal-kotra tan-nies, fehma ħabiba tan-nuqqasijiet intellettwali tagħhom u fuq kollox is-sabar biex wieħed jiġri 'l hemm u 'l hawn biex iżid mal-ġabra tal-folklore tiegħu.

Nagħalqu din il-kitba billi ntennu dak li ġa għidna, li l-ġbir tal-għerf bla miktub tal-poplu mhux xogħol ta' wieħed waħdu. Li kieku kulħadd jaqgħod b'widnejh u b'għajnejh miftuħa kull fejn imur fil-gżejjer tagħna, u jniżżel dak li jara u jisma' fl-irħula u fl-ibliet, imbagħad inkunu nistgħu nagħtu l-ħajja lir-ruħ sabiħa ta' misserijietna l-qodma, li nisġu ġrajjiet u għidut sbieħ fuq il-ħajja ta' madwarhom, imżewqa mill-lwien tal-fantasija.

**REĊENSJONIJIET.**

# GĦANJIET BIKRIJA

Hekk jismu ktieb żgħir ta' poeżiji li għadu kemm ħareġ G. Zarb Cousin, tifel ta' 16-il sena, 'msieħeb fix-"Xirka tal-Malti għat-Tfal". Il-qarrej, li bħali jitħajjar jibgħat 7d. bolli lil Brother Amedy, ikollu biex jassew jiskanta. Araw ftit dawn il-versi:

*Fis siktu l-agħsafar fis-saltna tal-hemm,*
*U ħarbet kull ħajja fejn saarwab id-demm,*
*'Ma l-ħlewwa li tnikkret fil-ħemda smewwija*
*Bdiet tkibbes ġo fikom dawl sbejjaħ t'elf dija.*

Jew dawn, fil-poeżija: "Lill-Prinċipessa Elizabeth".

*Il-Maltin qed isellmulek*
*Minn ġo Malta tfuħ bil-ward;*
*U x-xewqat li jixtequlek*
*Jixbhu l-ġilji ta' din l-art.*

Kieku dawk li darba kienu tfal ma jiftakrux kemm xi ħaġa żgħira li ddejjaqna tidher kbira u traġika fit-tfulija, versi bħal dawn li ġejjin ma temminx li kitibhom tifel:—

*Twelidt sabiex jgħajruni,*
*Twelidt sabiex immut*
*Ġo ħajja dalma kerha,*
*Mimlija sħab magħqud.*

Versi sbieħ u tajbin bħal dawn li slitna minn oħrajn, forsi mhux tajbin u sbieħ daqshom, fil-ktieb hemm kemm trid. Jekk ikolli ngħid x'poeżiji l-aktar li jogħġbuni kont insemmi "Xemgħa; Kunu Hienja; Għanja tat-Tfal Maltin", u tista' tgħid dawk kollha li għandhom il-versi qsar u mexxejja. Il-ħsieb tal-kittieb hu sabiħ u maħdum bis-sengħa f'dawn il-għanjiet; u jekk fis-sunetti u fil-versi tal-ħdax il-pinna għadha mhix ħafifa biżżejjed, f'tifel ta' 16-il sena mhix ħaġa li ma tistennihiex. Ħaġa li ma tistennihiex hi li dan il-kittieb joħroġlok b'din il-poeżija "Rieda" li tfakkarna fil-"choruses" ta' Prometheus Unbound ta' Shelley:

*Għadda żmien ikreh minn fuqi;*
*Daqqiet niżlu bla serħan...* (ara faċċ. 14.)

M. MIZZI.

# Werrej Tas-Sena 1944.


| | | Faċċ. |
|---|---|---|
| AGIUS E. Dr. — | *Il-Waqt* | 31 |
| | *Tweġiba u Mistoqsija* | 80 |
| AGIUS M. — | Il-Fehma tal-Hajja | 84 |
| APAP V. — | Dar b'Żewġ Nisa | 10 |
| | Serqa f'Berlin | 77 |
| AQUILINA Ġ. Prof. — | Siltiet mit-Tagħlim ta' Budda | 54 |
| | L-Egħdewwa tal-Malti | 75 |
| AZZOPARDI ANT. — | *Twelidt* | 52 |
| BIANCARDI N. — | *L-Aħħar Taqbida* | 31 |
| BROTHER AMEDY — | Il-Frères f'Malta | 85 |
| CALLEJA ANT. — | Henric Ibsen | 17 |
| | Bħal Bniedem Ibleh | 112 |
| CAMILLERI Dun FRANS — | *Tarbija!* | 16 |
| | *Il-Għolja* | 48 |
| | *Searchlights...* | 53 |
| | *Bajtar tax-Xewk* | 96 |
| | *Qlub!* | 113 |
| CASSAR PULLICINO Ġ. — | Bejn Raħal u Laqam | 21 |
| | Il-Folklore ta' Malta u Għawdex | 123 |
| | Reċensjoni | — |
| CASSOLA A. M. — | *Kelmet il-Kobor* | 51 |
| | Żwieġ il-Mewt | 101 |
| CHETCUTI Ġ — | *Bormla* | 14 |
| CREMONA A. — | Folklore u Lsien Malti | 35, 68 |
| CREMONA J. J. Dr. — | Nuqqasijiet tat-Tijatru Malti | 4 |
| DELIA, Patri Ġ., S.J. — | *Inħeba, Ja Qamar!* | 9 |
| | *Tnehid il-Baħar* | 13 |
| | *Qniepen tar-Rebħ* | 26 |
| | *Manikomju* | 52 |
| DUN KARM — | Kif Saru l-Innijiet | 46 |
| | U Jiena Fraħt... | 80 |
| | *Nudiżmu* | 122 |
| EDITUR — | Editorjal | 1, 33, 65, 97 |
| GALEA Ġ. Dr. — | Tfal tax-Xogħol | 115 |
| GULIA W. — | *Sunetti* | 49 |
| | *Holm I* | 114 |
| MEYLAK M. — | *Flieli tal-Bettieħ* | 20 |
| | *Ixxiex u Qawsalli* | 50 |
| MIZZI M. — | *Bżulija* | 27 |
| | *Fantasija* | ~~82~~ |
| | Reċensjoni | — |
| R. M. B. — | Moħħ Tajjeb | 56 |
| SAYDON P. P. Prof. — | Reċensjoni | 32 |
| | *Il-Lejl tal-Milied* | 93 |
| ZARB ADAMI G. — | Il-Ħidma Għall-Paċi | 90 |